**30 ta' Mejju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

No. 11936 Gun. Francis Spiteri

**"Third Party Risks" — Polza tas-Sigurtà — Prova — Sospensjoni tal-Liċenza tas-Sewqan.**

*Min jimprendi x-xogħol ta' kiri ta' karrozzi għandu l-ewwelnett jottjeni liċenza tal-Pulizija għal daqshekk; u mbgħad għandu jżomm reġistru li fih għandu jniżżel mhux biss l-isem u l-kunjom ta' min jikri l-karrozza, imma anki n-numru tal-liċenza ta' min qiegħed jikri l-karrozza u d-data tal-ħruġ tagħha. U allura hu ċar illi hu jkun qiegħed jonqos meta jikri karrozza lill-persuna li ma turiehx il-liċenza tagħha tas-sewqan, u ma jinsistix li jara dik il-liċenza, imma jik-*

*kuntenta li joqgħod fuq l-assikurazzjoni ta' min ikun ser jikri l-karrozza li jurihielu darb'oħra.*

*Bħala regola, il-prova tinkombi lill-Prosekuzzjoni; imma jekk il-Prosekuzzjoni tilħaq tipprova li l-persuna li ħadet b'kiri l-karrozza ma kellhiex liċenza tas-sewqan, isir dover tal-imputat li jeżibixxi l-polza tas-sigurtà, jekk jidhirlu li biha jista' jipprova li, non ostante li l-karrozza ġiet misjuqa minn dik il-persuna mhux liċenzjata, il-kopertura tal-karrozza ma ntilfetx. Malli l-Prosekuzzjoni tipprova li min saq il-karrozza ma kellux liċenza, allura l-konsegwenza normali hi li l-karrozza ma tkunx aktar "on risk", u allura jsir obbligu tad-difiża li tipprova, jekk jidhrilha, il-kuntrarju.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli Ħaż-Żabbar u bnadijiet oħra (1) ikkummerċja fil-kiri tal-karrozzi li jinsaqu mill-kerrej mingħajr liċenza tal-Pulizija, (2) għamel użu minn car 15743 għal finijiet oħra barra minn dawk li għalihom hija liċenzjata, u iżjed (3) ippermetta l-imsemmija karrozza tiġi misjuqa minn Charles Degiorgio li ma għandux liċenza tas-sewqan, u b'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji tat-terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza XXXVI tal-1939, u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar skond l-art. 3(2) tal-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' April 1959, li biha rriteniet li l-ewwel żewġ kontravvenzjonijiet kienu preskritti għax il-fatti ġraw f'Ottubru, iżda rriteniet li l-imputat kera l-car lil Degiorgio, li ma kellux liċenza tas-sewqan, u għalhekk il-car ma kienetx "covered" bl-"insurance"; u għalhekk sabitu ħati ta' dan l-aħħar reat, u kkundannatu £5 multa u skwalifikatu milli jkollu liċenzi tas-sewqan għal tliet xhur biss, u dan in vista' ta' li "special reason" li Degiorgio kellu liċenza tas-sewqan tal-militar;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tirrileva li dan Charles Degiorgio kien qiegħed iqarraq b'xi nies, billi jippreżenta ruħu bħala perit, u qarraq anki, sa ċertu pont, bl-appellant, billi qallu li kien kuntrattur, taħ isem falz, ħallsu biss "in parte", u qallu li ried jikri karrozza għal ftit taż-żmien sakemm tasallu dik li kellu ordnata għand id-ditta "Mamo";

Dan kollu hu estraneu għall-meritu tal-ġudizzju preżenti, għaliex ma jneħħix dak li hu rilevanti għall-imputazzjoni, u li ġie assodat mill-provi, u ċjoè li l-imputat, apparti l-kontravvenzjonijiet li l-Ewwel Qorti eskludiet għax preskritti, kera l-karrozza lil dan Degiorgio, mentri, anki jekk wieħed joqgħod fuq dak li qal hu biss, ma assikurax ruħu bl-ebda mod li Degiorgio kellu liċenza, imma kkuntenta ruħu billi jsemmilu żbadatament il-liċenza bla ma jinsisti li jaraha, ikkuntenta ruħu billi Degiorgio qallu li l-liċenza jġibhielu darb'oħra, u ntant fit-tieni okkażjoni, lanqas insista fuq il-produzzjoni tal-liċenza, kif kien missu jagħmel, u kkuntenta ruħu wkoll b'liċenza tal-militar ta' snin ilu, minn żmien skaduta, li Degiorgio lanqas urieħ, iżda semmielu biss. Meta wieħed jirrifletti li min jimprendi x-xogħol ta' kiri ta' karrozzi għandu l-ewwelnett jottjeni l-liċenza tal-Pulizija għal daqshekk, u mbgħad għandu jżomm reġistru li fih għandu jniżżel mhux biss l-isem u kunjom ta' min jikri l-karrozza, immá anki n-numru talliċenza ta' min qiegħed jikri l-karrozza u d-data tal-ħruġ tagħha, wieħed jara tajjeb kemm l-imputat kien qiegħed jonqos;

L-imputat adduċa bħala gravam li hu pprova, bilproduzzjoni taċ-ċertifikat tas-sigurtà fol. 10, li l-karrozza in kwistjoni tinsab assigurata bħala "self drive", u li l-Prosekuzzjoni ma għamlet ebda prova li l-kumpannija tassigurtà nkludiet fil-polza xi limitazzjoni dwar dan l-użu talkarrozza. Kompliet targumenta d-difiża li, ġa ladarba Degiorgio kellu liċenza tal-militar, għalhekk ma ntilfetx ilkopertura tas-sigurtà:

Hu stran li l-imputat qiegħed jilmenta li ma saretx prova, li kien mhux biss interess tiegħu, imma li kien fil-poter tiegħu aktar milli fil-poter tal-Prosekuzzjoni, li jagħmel "huwa", għas-sempliċi raġuni li "hu", u mhux il-Prosekuzzjoni għandu f'idejh il-polza tas-sigurtà, li seta' liberament eżibiha. "Per regola", il-prova tinkombi lill-Prsekuzzjoni; imma meta l-Prosekuzzjoni tkun diġà għamlet prova "prima facie", allura l-prova kuntrarja tiġi riversata fuq id-difiża, partikolarment meta si tratta ta' prova "which lies peculiarly within the knowledge of the accused" (Appell Kriminali "Pulizija vs. Catania, 26. 6. 1937; u ara wkoll Taylor, On Evidence, Vol. I, p. 288, para. 371 et seq.; Powell, On Evidence, p. 155; u ara partikolarment, "in subjecta materia", p. 72 Wilkinson, "Road Traffic Prosecutions," fejn hemm aċċenn għall-obligu tal-imputat li jipproduċi huwa l-kopja tal-polza);

Issa, fil-fatt il-Prosekuzzjoni għamlet prova li Degiorgio ma kellux liċenza, u għalhekk kien dover tal-imputat li jeżibixxi l-polza, jekk deherlu li biha jista' jipprova li, non ostante li saq il-karrozza Degiorgio, li ma kienx liċenzjat, eppure, billi ħmistax il-sena ilu dan Degiorgio kellu liċenza minn għand il-militar, allura l-kopertura ma ntilfetx;

Id-difiża setgħet, u kien imissha, jekk dehrilha utili għad-diskariku tal-imputat, tipproduċi l-polza, biex jistgħu jiġu eżaminati l-kondizzjonijiet tagħha, u setgħet, u kien imissha, ġiebet prova soddisfaċenti, oltre s-sempliċi asserzjoni ta' Degiorgio, li dan kien liċenzjat ħmistax il-sena i!u bħala driver mal-militar. Id-difiża setgħet ukoll, u kien imissha, tipproduċi rappreżentant tal-kumpannija tas-sigurtà, biex dan jgħid li, anki f'każ ta' karrozza assigurata bħala "self drive", misjuqa minn bniedem li kellu liċenza ħmistax il-sena ilu, lanqas maħruġa mill-gvern ċivili, imma mill-awtorità militari, il-kumpannija lesta biex tirrispondi għall-"claims", eventwali, u ma tieħux eċċezzjoni. Dan kollu ma sarx;

Għandu jiġi notat li, anki jekk fil-polza tas-sigurtà tal-imputat dwar dan il-car kien hemm il-kondizzjoni soli-

ta hekk konċepita "Provided that the person driving holds a driver's licence to drive such motor vehicle, or has held and is not disqualified by order of a Court of Law, or by reason of any enactment or regulation in that behalf for holding or obtaining such a licence" (u lanqas hu pruvat li hemm din il-kondizzjoni), allura jibqa' dejjem li wieħed jara safejn il-kumpannija tas-sigurtà, kieku saritilha l-"claim", kienet sejra testendi l-kliem "has held". Milli jidher, u salvi konsiderazzjonijiet oħra, din il-klawsola ġiet introdotta fil-polza tas-sigurtà f'lok l-oħra assoluta ta' qabel, biex tirrimedja għall-"inadvertence to renew a licence"; mentri f'dan il-każ, Degiorgio kellu liċenza tal-militar ħmistax il-sena ilu, li anqas biss kien qiegħed (jekk seta') jirrinnova (ara Hughes, Road Users' Rights, Liabilities and Insurance, p. 301). Jista' jkun fattur ta' importanza, malgrado l-kliem "has held", il-fatt il min saq, bħal Degiorgio, ma kellux liċenza "minn żmien ilu" (ara sentenza ċitata n-nota (7) Hughes, loc. ċit.). Jista' jkun fattur, li għandu wkoll jitqies; jekk il-liċenza, sija pure posseduta qabel, għandhiex tkun biss dik mogħtija mill-awtorità ċivili, għall-finijiet tal-kopertura (reg. 37 tar-Regolamenti tat-Traffiku, u Shawcross, Motor Insurance, p. 563-564). Lanqas saret xi prova jekk Degiorgio, għal xi raġuni jew oħra, ma hux kapaċi li jkollu liċenza "actu", dejjem għall-finijiet tal-kopertura tas-sigurtà. Dawn kienu kollha provi li jinkombu lid-difiża, għaliex, malli l-Prosekuzzjoni ppruvat li min saq ma kellux liċenza, allura l-konsegwenza normali hi li l-karrozza ma tkunx aktar "on risk", u jsir allura obligu tad-difiża li tipprova, jekk jidhrilha, il-kuntrarju;

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu tal-iskwalifika jibda jgħaddi minn nhar it-Tnejn, l-ewwel ta' Ġunju 1959;

Jibqa' dikjarat li din il-konferma ma hijiex qegħda timporta li din il-Qorti qegħda tippronunzja ruħha dwar jekk iċ-ċirkustanza li Degiorgio allegatament kellu liċenza tal-militar għandhiex, fil-fattispeċje, titqies "special reason" — pont li ma kienx ikun utili li jiġi kunsidrat, peress

li fl-appell, meta magħmul mill-imputat, il-pożizzjoni tiegħu ma tistax tiġi aggravata.